MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 817/1999/1

**Raymond Sammut**

**vs**

**Anthony Micallef**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi fit-2 ta' Dicembru 1997 waqt li l-attur kien qieghed ghall-gita tal-kacca fl-Egittu, huwa safa' milqut f'ghajnejh ix-xellugija minn comb provenjenti minn senter sparat mill-konvenut;

Peress illi l-korriment ta’ l-attur bhala konsegwenza ta’ l-incident kien gravi ghaliex ic-comb ippenetra l-ghajn tax-xellug u kkaguna dizabilita’ permanenti (Dok. A);

Peress illi ghall-incident u konsegwenzjali danni subiti mill-attur kien jahti unikament il-konvenut minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Peress illi l-konvenut – interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur – baqa’ inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:-

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab l-attur;

2. Tillikwida d-danni tal-attur okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3. Tikkundannah ihallas dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fix-xahar ta’ Marzu 1998, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process

Rat In-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhuwiex minnu illi l-incident gara minhabba xi mprudenza, mperizja, negligenza, jew inosservanza tar-regolamenti da parti tieghu.

2. Salv eccezzjonijiet ohra

Rat id-degriet a fol 92 li bih gie nominat l-espert Dr.Mario Tabone;
Rat ir-relazzjoni tieghu a fol 142 ;
Rat il-verbal a fol 276;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza dwar ir-responsablita’.**

**Incident dwar kacca**

Dina l-kawza tirrigwarda incident li gara fit 2 ta’ Dicembru 1997 meta l-attur kien qieghed l-Egittu ghal gita tal-kacca ma’ Maltin ohra, u safa’ milqut f’ghajnu ix-xellugija minn comb li gie sparat mis-senter tal-konvenut. Bhala konsegwenza ta’ dana l-incident, l-attur sofra disabilita’ permanenti.

**Kontestazzjoni**

Mhux kontestat li l-attur intlaqat b’comba sparat mis-senter tal-konvenut.

L-attur isostni li l-incident gara minhabba imperizija u negligenza da parti tal-konvenut li ma hax dawk il-mizuri l-aktar basici ta’ prevenzjoni biex ma jisparax fil-baxx u jolqot kaccaturi ohra. Il-konvenut hu kaccatur ta’ esperjenza, u ma kienitx l-ewwel darba li mar ghal gita simili l-Egittu. Huma kienu nghataw struzzjonijiet cari dwar kif jikkaccaw u kienu jaf bil-posizzjoni ta’ xulxin waqt il-kacca. Il-konvenut kellu ghalhekk l-obbligu li qabel jispara jkun cert lejn xiex kien qed jispara u allura jara li jista’ jaghmel dana b’sigurta’ ghalih u ghal haddiehor. L-attur isostni li f’dan il-kaz ma kienx hemm htija kontributorja da parti tieghu u lanqas ma japplika l-principju volenti non fit injuria.
Il-konvenut min-naha l-ohra jikkontendi li dan kien incident sfortunat u straordinarju li ma kienx prevedibbili u setgha gara lill kulhadd. Ighid li hu ma kienx spara fid-direzzjoni

ta’ l-attur anzi dana kien magembu u c-comba laqtitu b’kumbinazzjoni.

Il-konvenut ghalhekk isostni li l-attur ma ppruvax il-kaz tieghu cjoe’ li l-konvenut kellu tort ghal dak li gara. Anzi l-konvenut jasal biex ighid li l-attur stess kien negligenti billi dana fil-mument krucjali meta kien jaf li l-konvenut kien se jispara nehha n-nuccjali prottettiv biex joghrok ghajnejh u lanqas dahal jiskenn wara d-dura jew dawwar wiccu n-naha l-ohra.

Il-konvenut isostni li almenu zgur li kien hemm htija kontributorja u f’dan il-kaz japplika l-principju volenti non fit iniuria billi l-attur bhala kaccatur ta’ esperjenza kien jaf li l-kacca fiha element ta’ riskju, u accetta dak ir-riskju meta mar ghal kacca bil-lejl.

Inoltre l-attur kien jaf li kienet se ssir sparatura ghaliex innota c-cafcif tal-papra u ra d-dawl jixghel u ra l-istess sparatura izda naqas li jilbes n-nuccjali fil-mument perikuluz tal-kacca. Ghallhekk ghandu jirrizulta li l-attur ma hax il-prekawzonijiet mehtiega fic-cirkostanzi u accetta dan il-perikolu.

**Konsiderazzjonijiet**

Bhala fatti jirrizulta li grupp Maltin fosthom l-attur u l-konvenut kienu marru ghal kacca l-Egittu. Il-gita kienet giet organizzata minn Malta u fl-Egittu l-Maltin kienu akkumpanjati u kkaccaw taht id-direzzjoni ta’ persuni mill-Egittu li hadu hsiebhom u indikawlhom fejn kellhom imorru jikkaccaw. L-incident gara meta kienet qed issir il-kacca ghal papri filghaxija u l-konvenut spara fuq papra u b’comba minnhom laqat lill attur f’ghajnejh.

L-attur isostni li l-incident gara, ghax il-konvenut spara fil-baxx u laqtu meta huma kellhom struzzjonijiet biex ma jisparawx fil-baxx u ma hax il-prekawzjonijiet soliti meta kien jaf li kien hemm kaccaturi ohra magembu. Il-konvenut invece ighid li ma kellhomx struzzjonijiet biex ma jisparawx fil-baxx u jghid li fil-kaz tal-papri bil-lejl bil-fors trid tispara fil-baxx meta dina taghmel ic-cafcifa fl-ilma li

biha wiehed jinduna li hemm il-papra. Il-konvenut ighid li l-struzzjonijiet li kellhom kienu li jilbsu n-nuccajli protettiv kontra l-isparar tac-comb.

Dwar dana l-punt, apparti li l-partijiet interessati ma jaqblux bejnithom, anke x-xhieda li gew prodotti minnhom, min ighid haga u min ighid ohra.

Huwa stabbilit b’ligi espressa, illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu. Infatti hu in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta’ “bonus pater familias” abbinat ma xi ksur ta’ xi dmir impost mill-ligi, Artikoli 1032 u 1033 tal-Kodici Civili. (Ara Vol. XLIV. p.I. p.343; u App. Civ. 8 ta’ April, 1991 in re “Paul Camilleri noe vs Michael Grech).

Naturalment  biex ikun hemm lok ghad-danni jehtieg li wiehed seta’ ppreveda d-disgrazzja li kkagunat id-dannu. Din il-prevedibilita` trid tkun ta’ probabilitajiet ragionevoli u mhux ta’ possibilitajiet remotissimi u inverosimili. (Ara Vol. XXIV p.I.p172; Vol.p.I.p.74; Vol. XLVIII p.I. p.258).

Huwa mistenni illi l-prudenza, diligenza u attenzjoni ma tonqos qatt u tigi ezercitata dejjem, partikolarment u certament fi grad oghla minn min f’idejh ghandu arma tan-nar, anke jekk ghall-passatemp jew biex jissodisfa x-xewqa ta’ l-isport favorit tieghu.  Kaccatur jista’ jkun responsabbli f’ghemilu jekk huwa:-

(a) jispara meta quddiemu u fil-vizwali tieghu jezistu ostakoli u ostruzzjonijiet ta’ sigar, haxix u hitan;
(b) jispara bla ma jara u jqis fejn ser jasal it-tir;
(c) jispara fl-abitat, toroq, kif hekk jissanzjonaw ir-regolamenti;
(d) jispara qabel ma jhares sewwa ma’ dwaru;
(e) jispara fil-passjoni tal-mument minghajr ma jippondera u jifli sew l-azzjoni tieghu. (Ara sentenza  App PS  Agius vs Fenech 29/10/2003).

Kif gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet “Carmelo Grech pro et noe vs Benedetto Camilleri noe” App. Civ. 14 ta’

Dicembru 1979, rigwardanti azzjoni ghad-danni kagonati minn senter waqt kacca:-

‘Illi fil-fehma tal-Qorti, arma tan-nar bhas-senter in kwistjoni hi oggett inerentement perikoluz. Bl-akbar facilita` tista’ toqtol, tferi jew tiddanneggja. Bhala regola, aktar ma tkun kbira l-potenzjalita` tal-perikolu tal-oggett uzat, akbar ghandha tkun id-diligenza u l-prudenza ta’ min juza l-istess oggett, l-utent ta’ arma tan-nar ghandu juza l-akbar grad ta’ diligenza. Diversament, is-sikurezza u l-inkolumita` ta’ terzi tigi serjament pregudikata.’

Fil-kaz in ezami, bl-istruzzjonijiet u minghajrhom, jibqa’ li kien dejjem perikoluz hafna li wiehed jispara fil-baxx u fl’ilma meta f’dan il-kaz skond il-konvenut huwa kien jaf li l-ilma kien baxx u kien hemm gebel hiereg minnu (ara xhieda konvenut a fol 161). Dan ifisser li hu setgha jipprevedi li meta jispara, mill-mija u hamsin comba li jghid li kellu fl-iskartocc xi wahda tista’ tolqot il-gebla u tigi rikoxxetted.

Hu fih innifsu perikoluz li tispara fil-baxx meta taf li hemm haddiehor madwarek u faccata tieghek. Dan kollu iktar u iktar meta  qed tispara fid-dlam jew bi ftit dawl. Il-konvenut ighid ukoll li hu ma jafx kif spicca c-comb meta miss l-ilma (ara fol 188).

Jirrizulta  mix-xhieda ta’ l-istess konvenut li hu ma kienx jaf minn liema direzzjoni kienet gejja l-papra (ara fol 188) ghax kien id-dlam u meta l-papra messet l-ilma huwa spara ghaliha. Dana gara f’affari ta’ ftit sekondi u skond hu ma kellux chance joqghod jara kif kienu posizzjonati l-ohrajn. Il-konvenut pero’ kien jaf li madwaru kien hemm kaccaturi ohrajn.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut kien responsabbili ghall incident billi huwa spara fil-baxx minghajr ma ha l-prekawzzjonijiet rikjesti f’dawk ic-cirkostanzi billi spara minghajr ma tah kaz tas-sigurta tieghu innifsu u ta’ haddiehor.

**Kaz fortuwitu**

Il-konvenut isostni li dan kien incident sfortunat u straordinarju li ma kienx prevedibbili u setgha gara lill kulhadd ghalhekk hu ma kellu ebda tort.

Il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet Paul Vassallo et vs Carmelo Pace moghtija fil-5 ta’ Marzu 1986 (Qorti ta’ l-Appell, Vol. LXX.ii.143) fejn intqal li:

*… min jallega li dak li gara kien dovut ghall-inevitable accident…., fejn qed jghid li dak li gara kien dovut ghal casus ghandu l-obbligu li jippruvah. Dan il-principju.. gie mehud mid-dottrina u gurisprudenza Ingliza. L-awtur Charlesworth, The Law of Negligence, pagna 512, josserva: ‘The burden of proof of inevitable accident is upon the defendant or the other person setting it up*.’

L-artikolu 1029 Kap 16 jipprovvdi li:

‘Kull hsara li tigri b’accident jew b’forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta’ disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara’.

Hi gurisprudenza pacifika illi l-kaz fortuwitu ma jehlisx mir-responsabilita` ghad-danni jekk ikun precedut minn htija ta’ min ikkaguna d-danni. Ara “Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech *et*”, Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta’ Gunju, 1938.

Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, positiv jew negativ, tal-bniedem. Skond il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b’mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-“bonus pater familias”.

‘Certament persuna ma tistax semplicement tistrieh fuq il-kaz fortuitu, jew stat ta’ necessita` jew forza magguri biex

tiskolpa ruhha mill-htija meta tezisti l-kolpa antecedenti'. (Ara decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell, f'kawzi simili ta' danni minn arma tan-nar waqt kacca, "Carmela Fenech pro et noe vs Antonio Galea", 24 ta' Mejju 1954, u "Mikiel Refalo pro et noe vs Pawlu Curmi", 13 ta' Jannar 1988).

Fil-kaz in ezami l-Qorti ma tistax tghid li ma kienx hemm kolpa antecedenti tal-konvenut billi diga gie deciz li hu kien negligenti u imprudenti meta spara fl-ilma u fil-baxx u fid-dlam meta kien jaf li kien hemm kaccaturi ohra magembu u li c-comb (150 wahda f'skartocc) sparat mis-senter setgha jmur fl-aktar minn direzzjoni wahda u infirex b'perikolu ghal ta' madwaru.

**Volenti non fit iniuria**

Il-konvenut jikkontendi li f'dan il-kaz japplika l-principju maghruf bhala *volenti non fit iniuria* billi l-attur bhala kaccatur ta' esperjenza kien jaf li l-kacca fiha element ta' riskju, accetta dak ir-riskju meta mar ghal kacca bil-lejl.

"Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet *Paul Vassallo et vs Carmelo Pace* fejn intqal li:

'B'riferenza ghall-principju **volenti non fit iniuria**, ic-Charlesworth, Law of Negligence, pagna 498, josserva:

*'A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run';*

*Il-massima hija* ***volenti non fit iniuria*** *u mhux* ***scienti non fit iniuria****. Kif ighid ic-Charlesworth, op. cit. Pagna 498: '… the first point is that the Courts will not find the existence of an implied agreement unless the person who is alleged to have made it* ***had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run.*** *The other point is that although plaintiff had full knowledge of the nature and extent of the risk and, with that knowledge, in fact incurred it, he will not be prevented from recovering unless the circumstances are such as to show that*

***incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him** and not on some other person. This is because, as has often been pointed out, the maxim is **volenti non fit iniuria** and not **scienti non fit iniuria**. Knowledge of the risk is therefore only one of the elements which has to be taken taken into account in deciding whether the inference that the plaintiff agreed to take the risk upon himself can be drawn*’.

Fil-kaz in ezami jirrizulta mill-provi li dina kienet l-ewwel darba li l-attur kien mar ghal kacca l-Egittu. Jirrizulta wkoll li huwa kien mar ma gita li kienet organizzata professjonalment u provvista bil-licenzji kollha necessarji u kienu taht direzzjoni ta’ gwida ta’ persuni barranin tas-sengha. Inoltre ghalkemm jirrizulta li l-attur kien jaf li sejjer ghall kacca li fih innifsu huwa riskjuz aktar u aktar meta jsir bil-lejl, izda dejjem kien akkumpanjat bi gwidi professjonali. Ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim, espress jew implicitu, li l-attur kien se jassumi r-responsabbilita ghal dak li seta’ gara, anke bi traskuragni ta’ haddiehor. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li f’dana l-kaz il-principju fuq imsemmi ma japplikax.

**Htija kontributorja**

Il-konvenut isostni wkoll li anke jekk ma japplikax dana l-principju l-istess kien hemm htija kontributorja da parti ta’ l-attur ghax dan kien negligenti billi fil-mument krucjali meta hu kien jaf li l-konvenut kien se jispara nehha n-nuccjali prottettiv biex joghrok ghajnejh u lanqas dahal jiskenn wara d-dura jew dawwar wiccu n-naha l-ohra.

*‘Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man’s carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man’s carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself’. (Buckley, The Modern law of Negligence; App Camilleri vs Direttur Edukazzjoni 11/12/2006).*

Fil-kaz in ezami l-Qorti thoss li kieku l-attur kellu in nuccajli protettiv meta nqala l-incident forsi l-incident setgha jigi evitat jew inkella ghal anqas l-konsegwenzi setghu ma kienux ikunu daqshekk serji. L-attur isostni li hu ntlaqat mhux biss f'wiccu izda c-comb laqat il-qasab li kien mohbi warajh, mal-hwejjeg u fuq idejh.

Dan jfisser li hu ma ntlaqtx b'comba wahda kif il-konvenut irid jaghti x'jifhem fis-sens li kienet haga straordinarja. Min naha tieghu l-konvenut ighid li hu ma rahx comb iehor fuq l-attur u hemm xhieda ohra li jghidu l-istess. Fuq dana l-Qorti thoss li aktar li setgha jghid x'laqtu kien l-attur u mhux ix-xhieda l-ohra li wara kollox ma kienux mieghu meta ntlaqat u kollox sar fid-dlam u mhux li tghid li ma rajtx comb iehor u x'laqat lill attur.

Il-Qorti tikkonkludi pero li l-attur ma hax hsieb kompletament tas-sigurta tieghu nnifsu billi messu qghad aktar attent meta setgha jissoponi li xi hadd kien se jispara u ghalhekk kellu izomm in-nuccali fuq ghajnejh. Izda l-htija ta' l-attur hija hafna inqas serja minn dika tal-konvenut li kienet il-kawza principali tal-incident. Il-htija ghalhekk se tigi maqsum kwantu ghall tlett kwarti ghall konvenut u kwart ghall attur.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi;
Tilqa l-ewwel talba ta' l-attur, u tiddikjara kemm lill attur kif ukoll lill konvenut li kienu responsabbili ghal incident *de quo* izda t-tort huwa tlett kwarti ghal-konvenut u kwart ghall-attur;
Spejjez riservati ghad decizjoni finali;
U tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni tal-provi dwar id-danni.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------